# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Lulju 2024

NR 161/2024 Data tal-Ħruġ: 30 ta' Awwissu 2024

*Fi tmiem Lulju 2024, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra surplus ta' €60.3 miljun.*




Bejn Jannar u Lulju 2024, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €4,089.5 miljun, €658.1 miljun ogħla minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€356.0 miljun), fit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€163.7 miljun) u fis-Sigurtà Soċjali (€87.3 miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqisiet ewlenin kienu rrappurtati fid-Dazju u s-Sisa (€17.2-il miljun), f'Bejgħ Ieħor (€7.0 miljuni) u Kirjiet (€2.1 miljuni).

Sa tmiem Lulju 2024, in-nefqa totali laħqet €4,029.2 miljun, li hija €295.4 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €3,537.0 miljun, li hija żieda ta' €293.9 miljun meta mqabbla mat-€3,243.0 miljun li kienu rrappurtati sena qabel. Iż-żieda ta' €211.6-il miljun fil-Programmi u Inizjattivi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Barra minn dan, kienu rreġistrati żidiet fis-Salarji u Pagi (€60.0 miljun), fl-Ispiża tal-Operat (€14.5-il miljun) u fil-Kontribuzzjonijiet għall-Entitajiet tal-Gvern (€7.9 miljuni). L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€106.9 miljuni), ir-Riżorsi tal-UE (€44.3 miljun) u l-Għajnuna għar-ristrutturar tal-linja nazzjonali tal-ajru (€17.1-il miljun).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €147.7 miljun, żieda ta' €28.5 miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Bejn Jannar u Lulju 2024, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għal €344.5 miljun, li hija €27.0 miljun inqas meta mqabbla mal-istess żmien fl-2023. Dan it-tnaqqis kien ġej minn nefqiet inqas fuq l-Inċentivi għall-investiment (€21.7 miljun), l-Inizjattiva REPowerEU (€20.0 miljun) u l-Għajnuna għar-ristrutturar tal-linja nazzjonali tal-ajru (€15.0-il miljun). Min-naħa l-oħra, kienu rrappurtati żidiet fl-Għotja għax-xiri ta' vetturi elettriċi (€18.6-il miljun), fil-Kostruzzjoni u t-titjib tat-toroq (€13.3-miljun) u Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€6.9 miljuni).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet surplus ta' €60.3 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Lulju 2024, mentri sena qabel kien irreġistrat defiċit ta' €302.4 miljuni. Din id-differenza tirrifletti żieda fid-Dħul Rikorrenti totali (€658.1 miljun), li kienet sa ċertu punt impattija b'żieda fin-nefqa sħiħa, li hija magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€293.9 miljun), l-Imgħax (€28.5 miljun) u n-Nefqa Kapitali (-€27.0 miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Lulju 2024, id-dejn tal-Gvern Ċentrali kien ta' €9,769.7 miljun, żieda ta' €373.5 miljun meta mqabbel mal-2023. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€696.1 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fid-Dejn Barrani (€71.9 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€4.0 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fil-Kambjali tat-Teżor (€306.5 miljuni) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€26.1 miljun). Barra minn hekk, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €66.0 miljun fid-dejn (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-Lulju bis-sena

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Lulju 2024




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Lulju 2024

